# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 17**

**Avviz numru 42/99/SM**

**Commonwealth Educational Society Ltd., u b'digriet tat-12 ta' April, 1999 zdiedu l-kliem "ta' Nassau, Bahamas, kif rapprezentati lokalment mill-madatarju taghha Godfrey Aquilina".**

**vs**

**Rita u Paul konjugi Calleja**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Jannar ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u tmienja u sittin Lira Matlin (LM268.00,0) import ta' prezz ta' diversi kotba lilhom mibjugha u kkonsenjati mill-attur nomine skond l-iskrittura tat-12 ta' Lulju 1996 (Dok. A) kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv u dana prevja dikjarazzjoni illi huma iddekadew mill-beneficju tal-mod u tat-terminu kif lilhom koncess mill-attur nomine fl-istess skrittura u dana senjatament sew minhabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali taghhom fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu minnhom accettati pero' effettivament gew minnhom rifjutati meta l-attur nomine wasal sabiex jikkonsenjahomlhom fit-terminu previst fl-iskrittura; kif ukoll minhabba inadempjenza da parti taghhom rigwardanti l-kondizzjoni tal-hlas tal-prezz tal-kotba kif indikat fl-istess skrittura permezz ta' pagamenti rateali mensili li, ai termini tal-iskrittura, kellhom jibdew jigu minnhom effettwati lill-attur nomine b'effett mit-12 ta' Settembru, 1996, bir-rata ta' LM10.72,0 kull wiehed, izda li baqghu ma sarux;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Awissu, 1996 u tal-4 t'Awissu, 1997, tal-Ittra Ufficjali tal-24 ta' Dicembru, 1997, kif ukoll tac-Cedola ta' Depositu – li permezz taghha gew depozitati taht l-awtorita' ta' dina l-Qorti l-kotba indikati fl-iskrittura (Dok. A) prezentata kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-12 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

1. **Preliminarjament in-nullita' ta' l-avviz in vista tal-fatt li s-socjeta' attrici kif ndikata ma tistax tintavola proceduri gudizzjarji hawn Malta stante li ma hiex registrata hawn Malta;**

2. **Illi fi-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati u insostenibbli kemm legalment kif**

**ukoll fattwalment u kwindi ghandhom jigu respinti ghar-ragunijiet spjegati aktar il-quddiem u cioe":**

a. **Illi l-iskrittura datata 12 ta' Settembru 1996 hija legalment invalida ai termini tal-artikolu 1322 kif emendati bl-Att numru XX1 tas-sena 1993 stante li ma gietx iffirmata mill-konvenut Paul Calleja;**

b. **Illi inoltre l-kunsens moghti mill-konvenuta Rita Calleja fuq l-iskrittura de quo huwa vizzjat ai termini tal-artikoli 974 et seq Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

c. **Illi in oltre l-ordni maghmula bl-imsemmija skrittura kienet giet debitament kancellata mill-konvenuta Rita Calleja skond u ai termini tal-kondizzjonijiet tal-istess skrittura;**

3. **B'riserva li jigu ntavolati eccezzjonjiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;**

4. **Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti skond is-socjeta' attrici jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi 'salesman' tas-socjeta' attrici kien mar fir-residenza tal-konvenuti fejn wara li ghamel dimostrazzjoni lill-konvenuta, spjegalha t-termini tal-kuntratt u l-modalita' tal-pagamenti**

**u informha b'mod preciz li kellha d-dritt li fi zmien hmistax-il gurnata hi setghet tirrexxindi l-istess kuntratt ai termini tad-dokument immarkat Dok. "A";**

2. **Illi inoltre jirrizulta li l-istess 'salesman' kien informha li setghet tirrexxindi l-kuntratt jew billi tmur personalment u tikkancella l-kuntratt jew billi tibghatha bil-posta registrata;**

3. **Illi di piu' l-konvenuta m'hux biss ma iddistettatx il-kuntratt de quo b'wahda mill-modelatijiet fuq deskritti inkonoxxuti kontratttwalment talli rrilaxxat ricevuta li irceviet kopja tal-kuntratt bil-kundizzjonijiet fuq indikati, (ara fol 29);**

4. **Illi s-socjeta' attrici, wara li kien skada t-terminu ghar-rexissjoni inutilment kienet ikkonsenjat it-kotba pattwiti lill-konvenuti li izda irrifjuthathom;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti skond il-konvenuti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi fl-Lulju ta' l-1996 ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar kien mar ghandha rapprezentant tas-socjeta' attrici biex ibiehhilha xi kotba;**

2. **Illi nonstante r-rifjut tal-konvenuta li ddahhlu minhabba li kellha tfal zghar ir-rapprezentant kien persistenti u perswassiv u l-konvenuta fethitlu;**

3. **Illi hekk kif dahal gewwa beda jinnegozja l-kobta u qabel ma hareg halla xi karta;**

4. **Illi wara li gie r-ragel tal-konvenuta gie deciz li jigi rexiss il-kuntratt, iffirmat il-karta li halla r-rapprezentant tas-socjeta' attrici u baghtilha;**

**5. Illi l-konvenuta ssostni li ma ffirmat l-ebda karta ohra hlief il-“cancellation form”;**

**6. Illi ghalhekk il-konvenuti qed jopponu t-talba attrici;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi anke bhala stat ta’ fatt jirrizulta ipprovat minghajr ebda dubju li l-konvenuta Rita Calleja effettivament iffirmat id-dokument immarkat Dok. GA 1, (ara fol 29), li hu dokument li jindika b’mod car li hi nghatat kopja tal-kuntratt in dizamina u l-formola tal-kancellazzjoni;**

**Illi kemm-il darba hu minnhu li l-konvenuta ffirmat dokument wiehed biss kif issostni hi, allura l-formola tal-kancellazzjoni qatt ma ffirmata;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jinghad ad limine li l-ewwel eccezzjoni hi superata bil-korrezzjoni koncessa permezz tad-digriet tat-12 t’April ta’ l-1999 u ghalhekk qed tichadha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rigward l-invalidita’ tal-kuntratt de quo stante li mhux iffirmat mill-konvenut Paul Calleja ghandu jinghad is-segwenti:**

**1. Illi l-artikolu 1322 tal-Kap 16 jistabbilixxi li l-amministrazzjoni ordinarja ta’ akkwisti tmiss lil “kull wahda mill-partijiet mizzewga”;**

**2. Illi a skans ta’ ripetizzjoni inutli issir referenza ghad-decizjoni tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Godfrey Aquilina nomine vs Joseph u Mary konjugi Falzon, datata 16 t’Ottubru ta’ l-1998, jigi dikjarat li “d-dejn ghall-prezz tal-kotba ma hux dejn tal-komunjoni”;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-kuntratt in dizamina hu wiehed specifiku msejjah “kuntratt maghmul fuq l-ghatba tal-bieb” fejn il-**

**konsumatur hu moghti l-fakolta' li jhassar il-kuntratt unilateralment;**

**Illi dan id-dritt unilaterali hu wiehed ta' natura eccezzjonali u specjali li jrid isir allura bil-procedura espressament imposta ex lege – f'dan il-kaz ai termini ta' l-artikolu 8 tal-Kap 317;**

**Illi ai termini ta' l-artikolu 10 tal-istess Kap l-effett legali li konsumatur ma jimxix mar-rekwiziti hemm imposti hu li dan ma jibqalux id-dritt li jhassar il-kuntratt minghajr raguni valida;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi minn analizi akkurat tax-xhieda prodotta l-konvenuti naqsu li jipproducu raguni valida skond il-ligi li tippermetti li jithassar il-kuntratt de quo nonostante li forsi mohh il-konvenuta seta' kien aktar ikkoncernat f'ulieda zghar, izda ma jirrizultax li kien okkupat b'tali mod li jeskludi kompletament il-fakultajiet kollha tar-raguni li jippermettula tagixxi b'mod responsabbli;**

**Illi dan ghalhekk ma jirrizultax li kien ta' kwalita' hekk kbira li jnehhilha l-liberu arbitriju u per konsegwenza addirittura ma tkunx taf x'kienet qed taghmel;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**